# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024**

**Rikors Nru: 13/2018**
**Nru fuq il-Lista: 4**

**Maria Rita *sive* Marquita Camilleri (K.I. 0463975M), Lara Meilak (K.I. 296186M) u Samuel Meilak (K.I. 119589M)**

**vs**

**Albert Degiorgio (K.I. 0730549M) u martu Violet Degiorgio (K.I. 0321854M) għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur datat 15 ta' Frar 2018[1] flimkien mad-dokumenti hemm annessi fejn, *ad litteram*, ġie premess u mitlub hekk:

1. *Illi permess ta' ftehim ta' lokazzjoni bil-fomm bejn l-attriċi Maria Rita sive Marquita Camilleri, qua komproprjetarja flimkien mal-atturi l-oħra preċitati, u l-konvenut Albert Degiorgio, il-konvenut ingħata b'titolu ta'*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess

*lokazzjoni mingħand l-istess attriċi l-garaxx bin-numru uffiċjali 142, Triq San Nikola, il-Belt Valletta u dan versu l-kera ta' tliet mija u ħamsin euro (€350) ghal kull tliet (3) xhur u pagabbli kull tliet (3) xhur bil-quddiem;*

2. *Illi l-aħħar skadenza ta' kera tal-garaxx in kwistjoni illi ġiet imħallsa mill-konvenut kienet għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu 2010 u l-31 ta' Mejju 2010 u dan kif joħroġ mill-irċevuta ffirmata mill-attriċi Maria Rita sive Marquita Camilleri u mill-konvenut fl-1 ta' Marzu 2010, vera kopja ta' liema rċevuta qegħda tiġi hawn annessa (Dok. 'A');*

3. *Illi għalhekk sal-lum il-konvenuti huma morużi fil-ħas tal-ammont kumplessiv ta' għaxart elef u ħames mitt euro (€10,500), rappreżentant tletin (30) skadenza ta' tliet (3) xhur kera kull skadenza, pagabbli kull tliet (3) xhur bil-quddiem, bl-ewwel skadenza dovuta fl-1 ta' Ġunju 2010 għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu tas-sena 2010 u bl-aħħar skadenza dovuta fl-1 ta' Settembru 2017 għax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena 2017 u dan minkejja l-ittri interpellatorji mibgħuta liljhom datati 3-ta' Mejju 2013, hawn annessa (Dok. 'B'), u 2 ta' Marzu 2017, hawn annessa (Dok.'Ċ', inkluża wkoll prova ta' notifika), u minkejja wkoll l-interpellazzjoni illi saret lilhom permezz tal-ittra uffiċjali datata 9 ta' Novembru 2017, hawn annessa (Dok. 'D');*

4. *Illi permezz tal-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija (Dok. 'D') , u għalhekk wara illi l-atturi kien ġja interpellaw lill-konvenut sabiex iħallas l-arretrati tal-kera għal mill-inqas darbtejn u l-konvenuti xorta waħda baqgħu inadempjenti, l-atturi taw il-congedo lill-konvenuti u għalhekk tawhom l-avviż formali illi l-perjodu ta' lokazzjoni tal-garaxx in kwistjoni ma kienx ser jiġġedded u għalhekk il-lokazzjoni tal-garaxx in kwistjoni ġiet*

*terminata f'għeluq l-aħħar skadenza ta' tliet (3) xhur, ċioe' fit-30 ta' Novembru 2017;*

5. *Illi permess ta' ittra legali datata 28 ta' Novembru, 2017, hawn annessa (Dok. 'E') b'risposta għall-ittra uffiċjali mibgħuta mill-atturi lilu (Dok. 'D') il-konvenut, filwaqt illi għamel diversi allegazzjonijiet inveritieri, effettivament ikkonferma illi "Il-konsenja taċ-ċwievet ser issir sal-aħħar tax-xahar id-dieħel" u ċioe' sal-aħħar ta' Diċembru 2017.*

6. *Illi madankollu il-konvenuti għadhom sal-lum jokkopaw il-garaxx in kwistjoni b'mod abbużiv u illegali u mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi billi l-kirja tal-istess garaxx ġiet definittivament terminata fit-30 ta' Novembru 2017;*

7. *Illi l-atturi jixtieqU jieħdu lura l-pussess tal-garaxx in kwistjoni kif għandhom kull dritt illi jagħmlu skond il-Liġi;*

8. *Illi l-esponenti jafu bil-fatti suesposti personalment.*

9. *Illi sa fejn jafu l-esponenti l-konvenuti ma għandhom ebda difiża x'jagħtu għal dawn it-talbiet u dan kif konfermat ukoll mill-esponenti fid-dikjarazzjoni ġuramentata li qed tiġi preżentata kontestwalment ma dan ir-rikors u għalhekk fl-umli opinjoni tagħhom jeżistu l-elementi kollha rikjesta a tenur tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan l-Onorabbli Bord jilqa' dawn it-talbiet mingħajr ma jgħaddi għas-smiegħ tal-kawża.*

10. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Jiddeċiedi din l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Alternattivament għall-ewwel ('1.') talba u f'każ biss illi dan l-Onorabbli Bord ma jilqax l-ewwel ('1.') talba u għalhekk ma jiddeċidix il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, jiddikjauiiiiii ra estinta u terminata il-kirja mogħtija mill-atturi lill-konvenuti tal-garaxx bin-numru uffiċjali 142, Triq San Nikola, il-Belt Valletta b'effett mit-30 ta' Novembru 2017 stante li ma għandhom ebda titolu validu fil-Liġi sabiex jokkupaw l-istess garaxx.*

3. *Jordna lill-konvenuti sabiex jirrilaxxaw il-pussess vakanti u jgħaddu ċ-ċwievet lill-atturi tal-garaxx mikri lilhom u ċioe' l-garaxx bin-numru uffiċjali 142, Triq San Nikola, il-Belt Valletta fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss minn dan l-istess Onorabbli Bord;*

4. *Jiddikjara illi l-konvenuti għandhom iħallsu lill-atturi s-somma ta' għaxart elef u ħames mitt euro (€10,500) rappreżentanti tal-ħlas ta' tletin (30) skadenza ta' tliet (3) xhur kera kull skadenza, pagabbli kull tliet (3) xhur bil-quddiem, bl-ewwel skadenza dovuta fl-1 ta' Ġunju 2010 għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu tas-sena 2010 u bl-aħħar skadenza dovuta fl-1 ta' Settembru 2017 għax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena 2017;*

5. *Konsegwentement jordna lill-konvenuti jħallsu l-imsemmija somma ta' għaxart elef u ħames mitt euro (€10,500) lill-atturi bl-imgħax legali minn meta dan l-ammont kien dovut sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tat-30 ta' Mejju 2013 u tat-2 ta' Marzu 2017, tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Novembru 2017 bin-numru 4258/2017, u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri skond il-Liġi spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti relatata mal-lokazzjoni in kwistjoni.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif qabel presedut datat 21 ta' Frar 2018[2].

Ra dak li seħħ fis-seduta tad-19 ta' April 2018[3] fejn il-partijiet qablu li l-kirja kienet ġiet terminata. Konsegwentement r-rikorrenti rtiraw l-ewwel tlett talbiet.

Ra r-risposta tal-intimati datata 17 ta' April 2018[4] fejn *ad litteram* ġie eċċepit hekk:

1. *Illi l-fond nkera lil YMCA u mhux lil-konvenuti u ghalhekk certament Violet Degiorgio trid tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi personalment Albert Degiorgio ma ghandux x'jaqsam mal fond izda l-kerrej kien il-YMCA.*

2. *Il-fond huwa mikri bhala store u mhux garage.*

---

[2] A fol 18 tal-proċess.
[3] A fol 25 tal-proċess.
[4] A fol 22 tal-proċess.

3. *Illi mhux minnu li Albert Degiorgio jew lil martu huma debituri tar-rikorrenti.*

4. *Illi l-YMCA kienet lesta li taghti lura c-cavetta tal-istore izda gara li r-rikorrenti jew minn minnhom hadu affarijiet minn garage iehor mikri lil YMCA.*

5. *Illum il-gurnata l-YMCA hija lest li taghti lura c-cavetta l-istore.*

*Minghajr pregudizzju t-talba hi in-parte preskritta ai termini tal-artiklu 2156 (C) tal-kodici civili.*

6. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra x-xhieda tar-rikorrenti in eżami[5].

Ra x-xhieda tal-intimat Albert Degiorgio[6].

Ra li mis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019[7] sas-seduta tal-25 ta April 2022[8] ma sar xejn u ma ngħabu l-ebda provi.

Ra x-xhieda tal-intimat Albert Degiorgio[9].

---

[5] Magħmula fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2018 u tibda a fol 27 tal-proċess. Ix-xhieda ulterjuri seħħet fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 u tibda a fol 33 tal-proċess.

[6] Magħmula fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2019 u tibda a fol 37 tal-proċess.

[7] A fol 43 tal-proċess.

[8] A fol 56 tal-proċess.

[9] Għalkemm mhux indikat ċar, l-Bord qiegħed jifhem li dan kien il-kontro-eżami tal-intimat. Dan seħħ fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022 u tibda a fol 58 tal-proċess.

Ra l-ħatra tal-President ta' Malta datata 5 ta' Marzu 2023 magħmula ai termini tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta[10].

Ra l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023 tal-Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan il-Bord presedut mill-illum Imħallef Dr Josette Demicoli ġew assenjati lil dan il-Bord kif issa presedut[11].

Ra d-digriet tiegħu tal-21 ta' April 2023[12] permezz ta' liema issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza għaliex s-sottomisjonijet finali (mismugħa quddiem il-Bord kif qabel presedut) ma setgħux jinstabu. B'hekk il-partijiet reġgħu ngħataw l-opportunitá sabiex isseħħ it-trattazzjoni finali bil-fomm.

Ra li fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023[13] ma deher ħadd, u l-partijiet għal darba oħra reġgħu ngħataw l-opportunità jagħmlu sottomissjonijiet finali bil-fomm.

Ra li fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2023 reġa' ma deher ħadd. Dakinhar il-partijiet ingħataw żmien xieraq sabiex s-sottomissjonijiet finali jsiru bil-mod skritt.

Ra li ma ġewx ippreżentati l-ebda sottomissjonijiet.

Ra l-atti proċesswali kollha.

---

[10] A fol 64 tal-proċess.
[11] A fol 65 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol 70 tal-proċess.
[13] A fol 72 tal-proċess.

**Ikkunsidra**

Illi qabel xejn, kif ġie senjalat fl-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, din id-deċiżjoni qiegħda tingħata minn dan il-Bord kif illum presedut u mhux kif kien presedut waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri. Dan il-fatt waħdu ma kien ta' l-ebda xkiel sabiex dan il-Bord kif hawn issa presedut jagħlaq dan il-ġudizzju hu (għaliex f'dan il-każ, meta saret l-assenjazzjoni, il-kawża kienet diġà mmatturat għas-sentenza finali). Tassew, argumenti fejn ġie attakkat proċess ġudizzjarju minħabba kambjament fil-ġudikant ġew kemm il-darba miċħuda[14]. Kien propju għalhekk però li l-Bord għażel li jwaqqaf l-għoti ta' din is-sentenza sabiex jerġgħu jsiru s-sottomissjonijiet finali, iżda dawn, għalkemm ingħataw diversi

[14] F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **George Galea vs Maria Carmela *sive* Marica Baldwin,** (App Ċiv Nru: 90/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' Ottubru 2022 fejn ġie ritenut hekk: *"Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi l-fatt waħdu li l-Imħallef li ddeċieda ssentenza fl-ewwel istanza ma kienx l-Imħallef li sema' l-provi ma jġibx b'daqshekk in-nullita` tas-sentenza appellata".* Issir referenza wkoll għal dak li kien ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mifsud *et* vs Victor Calleja,** (Appell Ċivili Numru. 354/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar ild-9 ta' Jannar 2008 u ċioé: *"...l-appellanti jitilqu mill-punt li jiccensuraw lillewwel Qorti talli din ma semghatx il-provi viva voce iżda qaghdet fuq it-traskrizzjonijiet tax-xhieda gja kompilati flatti. Huma, b' dan, jikkontendu illi l-Qorti ma kellhiex l-"ahjar prova" ghal liema jirreferi l-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12. Bir-rispett dovut dan l-argoment hu ghal kollox fallaci, guridikament. Ibda biex, kieku kellu jigi accettat dak sottomess mill-appellanti jkun ifisser illi kull darba li gudikant jissostitwixxi gudikant iehor il-provi jridu jinstemghu ex novo, b' hela ta' energija, dilungar u spejjez zejda. Barra minn hekk, tali deduzzjoni tirrifletti negattivament fuq id-dehen tal-gudikant sostitut ghax ikun ifisser li dan, gjaladarba ma jkunx sema' hu l-provi viva voce, ma jkunx jista' jaghmel gudizzju ghaqli ta' l-ezami u l-valutazzjoni tax-xhieda li tkun traskritta. Tali ragonament, jekk accettat, certament jinnewtralizza ghal kollox il-htiega tar-rakkoljiment tal-provi permezz ta' Affidavits jew permezz ta' l-Assistenti Gudizzjarji, u dan kontra l-volonta tal-legislatur li kkreja d-disposizzjonijiet relattivi dwarhom."* Per kompletezza akkademika mbagħad, il-Bord jirriferi għas-sentenza fl-ismijiet **Albert Noel Portelli *et* vs Paola Developments Limited *et*,** (Appell Civili Numru. 1466/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Novembru 2006 fejn, b'ton qawwi, ġie enunċjat is-segwenti *dictum*: *"Bil-fatt wahdu li, minhabba esigenzi ta' tqassim ta' doveri, il-kawza ghaddiet minn gudikat ghal iehor, ma ghandux necessarjament iwassal ghal dak li donnhom qeghdin jinsinwaw l-appellanti, bla ma pero` jispecifikaw xejn utli jew ta' sostanza. Bl-istess argument, li kieku wiehed kellu jabbraccjah, lanqas din il-Qorti ma jmissha allura tiddeciedi dwaru! Riflessjonijiet bla bazi ta' din ix-xorta ftit jaghmlu gieh lil min jasserihom u certament, ma jghinu xejn ghar-rizoluzzjoni gusta u serena ta' procedura gudizzjarja bhal dik in kawza."*

opportunitajiet baqgħu ma sarux. Ċertament l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' tlum lill-Bord li jgħaddi għas-sentenza fuq l-atti li ngħatawlu.

Illi huwa utli li ssir riassunt qasir tal-provi[15] prodotti.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet r-rikorrenti, diversi drabi[16]. In eżami, tgħid li l-fond, ossia garaxx, li huwa enumerat 142 u jinsab ġewwa St. Nicholas Street, Valletta kien ġie mikri lill-intimat Albert Degiorgio minn għanda. Il-ftehim kien bil-fomm u kien għal tlett mija u ħamsin Ewro (€350) kull tlett xhur. Il-kirja bdiet fis-sena 2009. Ġiet ippreżentata rċevuta tal-kirja għal perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2010 u l-1 ta' Ġunju 2010. Tgħid li kien hemm diġà diversi problemi rigwardanti l-ħlas tal-kirja. L-irċevuta ġiet iffirmata minn Albert Degiorgio biss. Mistoqsija jekk qattx irċeviet risposta għall-ittra uffiċjali li tinsab fil-proċess, tgħid li qatt ma kien hemm tweġiba għaliha għalkemm kien hemm risposta għal xi ittra legali fejn l-intimat qal li l-fond ma kienx f'ismu. F'xhieda oħra[17] tikkonferma l-irċevuta maħruġa minnha.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll l-intimat Albert Degiorgio. In eżami[18] jgħid li fis-sena 1976 huwa kien ġie maħtur fundatur tal-YMCA u jgħid li dan il-fond kien inkera mill-istess YMCA. Jgħid li hu u martu m'għandhom jagħtu xejn. In kontro-eżami jgħid li l-kera kellha tingħalaq f'Diċembru 2017 u kien ħallas. Mistoqsi għala f'ittra legali jgħid li kien ħallas sas-sena 2016 u li hu ħallas kollox. Kien iħallas fi flus kontanti u jgħid li l-irċevuti ma kienux għandu. F'xhieda oħra[19] jgħid li l-fond kien jintuża bħala maħżen mill-YMCA. Jikkonferma l-firma

[15] Il-Bord jkollu jistqarr li dawn kienu verament xotti minn entrambi l-partijiet.
[16] Fl-ewwel lok, peress li din il-proċedura ġiet inizjalment imressqa taħt l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie anness affidavit tagħha mar-rikors promotur.
[17] Dik tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018.
[18] A fol 37 tal-proċess.
[19] Dik tal-5 ta' Lulju 2022 u tibda a fol 58 tal-proċess.

tiegħu fuq l-irċevuta u ma hemmx indikat li din kienet qiegħda tinħareġ lil YMCA.

Illi magħmul dan l-eżerċizzju tal-aspett fattwali imiss li dawn jiġu applikati għall-aspetti legali tal-kwistjoni. Qabel xejn, jerġa jiġi mfakkar li llum, il-vertenza tikkonċerna biss t-talba konċernanti l-arretati tal-ħlas tal-kera u xejn aktar.

**Dwar l-Ewwel Eċċezzjoni**

Illi huwa ndubitat li l-ewwel eċċezzjoni li għandha tiġi deċiża hija dik li tikkonċerna n-nuqqas tal-leġittimita passiva[20] sabiex l-intimati jirrispondu għal din l-azzjoni, għaliex naturalment jekk din tirriżulta f'suċċess għall-intimati, l-kwistjoni tieqaf hawn. Din tinqasam fuq żewġ binarji u ċioé, l-intimat Albert Degiorgio jgħid li huwa m'għandu x'jaqsam xejn għaliex il-kirja saret għan-nom ta' entitá oħra u li ċertament martu hija totalment estranja.

---

[20] Il-ġurist **Lodovico Mortara,** kemm il-darba utilizzat mill-Qrati tagħna, jispjega hekk: *"L'interesse ad agire o difenderesi e dunque un interesse giuridico; vale a dire, non puó consistere nel sempliċi godimento altruistice e tutto intellettuale di procurare la ripristinazione dell'impero di una norma giuridica violata; ma deve concretarsi anzitutto nella possibilità che chi agisce sia il soggetto del diritto che mediante la decisione della controversia vuole riconosciuto.* - Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, II Volum, Casa Editrice Dottor Francesco Vallardi, III edizzjoni, a fol 589. L-istess ġurist imbagħad ikompli jissenjala hekk dwar dan il-presuppost proċesswali:*, "La capacitá processuale va considerata sotto due aspetti: come capacitá, cioè di agire o di stare in giudizio. L'espressione «capacitá di agire in giudizio» serve a indicare l'attitudine giuridica di un soggetto ad essere «parte in giudizio». L'espressione «capacitá di stare in giudizio» indica invece l'attitudine all'esercizio legale della predetta capacitá ... Tanto l'una che l'altra delle espressioni menzionate, e quindi anche il tema dell'attuale ricerca, si riferiscono alla capacitá processuale attiva e passiva, cioè di attore come di convenuto, d'intervenuto, di chiamato in garantia, ecc ... si ricava, adunque, che la condizione fondamentale per la capacitá di agire in giudizio è la normale capacitá di possedere diritti, essere cioè soggetto di diritti; e che la condizione parimenti fondamentale per la capacitá di stare in giudizio è quella di avere il libero esercizio dei diritti, ovvero di supplirvi con le forme integrative o abilitative stabilite dalle leggi."* – Foll 630 u 631 tal-itess opera.

Illi huwa ben aċċettat li teżisti preżunzjoni li meta wieħed jidħol f'kuntratt partikolari ikun qiegħed jagħmel dan f'ismu personali[21] u mhux in rappreżentanza ta' xi soċjetá. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza nostrana hija waħda konkordi[22].

Illi huwa wkoll mifhum li f'sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn jitqanqal id-dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż[23]. Din hija pożizzjoni llum kristallizzata[24]. Il-liġi trid

---

[21] Issir referenza, kemm għal dak deċiż, kif ukoll għar-rakkolta ġurisprudenzjali in materja għas-sentenza fl-ismijiet **AC Enterprises Limited vs Victor Galea *et,*** (App Nru: 323/2014) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Jannar 2016.

[22] F'dan is-sens fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Acma Inox and Metal Limited vs George Cauchi et,** (Rik Nru: 444/10) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Marzu 2017. Fuq l-istess vena kienet ukoll is-sentenza, iċċitata diversi drabi, fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna,** mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar is-27 ta' April 1992. F'din l-aħħar sentenza kien ġie affermat hekk: *""hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta li f'isem haddiehor".*

[23] Issir referenza, kemm għar-rakkolta ġurisprudenzjali hemm magħmula, kif ukoll għal dak hemm deċiż għas-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Ltd vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et,*** (App Ċiv Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023. Ta' rilevanza dwar dan il-punt huwa s-segwenti bran: "*Illi huwa prinċipju daqstant ieħor aċċettat li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din (ara Frank Cilia noe v. Charles Scicluna, Qorti talKummerċ, 27 ta' April, 1992), u jrid juri wkoll li f'dak il-waqt il-parti l-oħra kienet mgħarrfa li dik il-persuna kienet tassew qiegħda tinnegozja magħha f'isem ħaddieħor (ara Charles Thorne et vs John Mallia Borg et, Appell Inferjuri, 31 ta' Ottubru, 2008). F'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż (ara Anna Dingli v. Brian Abela et, Appell Superjuri, 3 ta' Diċembru, 2004, Camel Brand Co. Ltd v. Michael Debono nomine, Appell Superjuri, 7 ta' Ottubru, 2005 u Avukat Renato Cefai noe vs J & M Aluminium Ltd, Appell Superjuri, 1 ta' Frar, 2008) u jidħlu fis-seħħ ukoll il-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-inqas, dak li l-kuntratti għandhom isiru b'rieda tajba (ara l-Artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta)".*

[24] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici *noe* vs Mark Grima,** mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar it-30 t'April 1992 fejn awtorevolment kien ġie deċiż hekk: *"Illi hija ħaġa ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor.....il-piż tal-prova li min ikkontratta, ikkontratt f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni ".* Fuq l-istess tematika, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Sciberras *et* vs Anthony Montebello *et,*** (Ċit Nru:744/1989/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003. F'dik is-sentenza, b'self minn sentenza preċedenti, kien ġie mfakkar hekk: *"......Kif rilevat fis-sentenza "Lawrence Formosa et nomine - vs- Silvio Felice", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 "Sewwa jinghad li l-prova mehtiega biex tigi newtralizzata din il-preżunzjoni iuris tantum tvarja sew minn kaz ghall-iehor. Jispetta lill-gudikant jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji.".* Huwa utli wkoll li ssir referenza għas-

tissalvagwardja kontra l-abbuż ta' kontraent li biex jaħrab mill-obbligi kontrattwali tiegħu fil-konfront tal-kontraent l-ieħor, malizjozament jinħeba wara l-maskra ta' ħaddieħor u jgħid li m'huwiex il-kontraent[25].

Illi mill-ftit provi prodotti mill-intimati ma jirriżulta minn imkien li r-rikorrenti kienu ġew mgħarrfa li l-kirja kienet qiegħda ssir għan-nom ta' xi entitá oħra. Rispettosament, għajr għal-verżjoni tal-intimat Albert Degiorgio dan il-Bord ma sab l-ebda prova oġġettiva konvinċenti. Anzi, l-irċevuta li hemm eżebita in atti tindika lil Albert Degiorgio biss bħala inkwilin u din l-irċevuta ġiet aċċettata minnu, bil-firma tiegħu. Apparti minn hekk, ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lill-intimati sabiex, jekk riedu, jressqu xi xhieda ta' din is-soċjetà sabiex dawn jistabbilixxu x'użu kien isir, jekk kien isir, minnhom. B'żieda ma' dan imbagħad, fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2018 ma jirriżultax lir-ritorn taċ-ċavetta saret minn xi terz imma mill-intimati stess.

Illi dan kollu qiegħed jingħad mbagħad, mingħajr preġudizzju għal-fatt li l-intimati lanqas biss talbu il-kjamata in kawża ta' din l-entita'[26].

---

sentenza fl-ismijiet **<u>M.C.F. Company Ltd vs Charles Buhagiar *et*</u>**, (Rik Maħluf Nru: 1008/14) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Ġunju 2016 (mhux appellata).

[25] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal u ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ramco Limited vs Emanuel Zammit *et*,</u>** (App Ċiv Nru: 935/1997/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' April 2008.

[26] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Zest Promotions Ltd *et* vs Noel Magri,</u>** (App Ċiv Nru:1340/1999/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' April 2018 fejn intqal hekk: *"Kwantu ghall-ewwel aggravju jigi osservat illi kieku l-kaz kien kif prospettat mill-appellant, l-ehfef soluzzjoni ghalih kienet dik li jitlob is-sejha fil-kawza tal-membri l-ohra talbord organizzattiv u mhux joqghod passiv biex minn fuq jippretendi li din il-fakolta` tezercitaha l-Qorti minfloku. Huwa veru li skond l-Artikolu 961 tal-Kap 12 il-Qorti kienet fakoltizzata tikkjamahom fil-kawza anke minghajr ebda talba da parte tal-konvenut. Dan pero` jissucciedi fil-kaz li l-Qorti tirrikonoxxi n-necessita` ta' sejha bhal din ghallintegrazzjoni u ekonomija tal-gudizzju."*

Illi jiġi b'hekk li din il-parti tal-ewwel eċċezzjoni hija ħażina u qiegħda tiġi mwarrba.

Illi dwar it-tieni parti tal-istess eċċezzjoni, jingħad li anke din hija ħażina. L-ammont mitlub, u ċioé korrispettiv ta' kera jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti[27]. Imkien ma ġie pruvat mill-intimati li fil-ħin tal-kirja (li issa dan il-Bord stabbilixxa li kienet diretta lejhom personalment) huma ma kienux diġà miżżewġa u għalhekk il-pożizzjoni tal-intimata Violet Degiorgio f'dawn il-proċeduri hija tajba[28].

Illi b'hekk din l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

**Dwar il-Preskrizzjoni**

Illi l-intimati jiddefendu ruħhom ukoll bil-fatt li skond huma, parti mit-talbiet konċernanti l-arretrati ta' kera huma milquta bil-preskrizzjoni tal-ħames snin skond dak li jrid l-artikolu 2156(ċ) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa magħruf li ż-żmien tal-preskrizzjoni irid jiġi eżaminat fid-dawl tal-azzjoni magħmula mir-rikorrent. Għalhekk il-kejl irid isir fuq l-azzjoni kif promossa u mhux fuq xi kawżali li l-intimat jaħseb kellha tkun il-bażi tal-azzjoni[29]. Huwa

[27] Ara l-artikolu 1327 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[28] Sa fejn huwa hekk applikabbli, propju fuq kwistjoni ta' kera, l-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmel *sive* Charles Sciberras *pro et noe* vs Youssef Rhouni *et,*** (App Ċiv Nru: 81/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Novembru 2005. Wieħed huwa wkoll mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Paola Galea *et* vs John Gauci *et,*** (App Ċiv Nru: 2366/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)

[29] Fost diversi, il-Bord jissenjala dak li ġie raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Falzon Service Station Limited *et pro et noe* vs Korporazzjoni Enemalta *et*,** (Rik App Nru: 533/2004/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2020 meta ngħad hekk: *"Hekk ukoll tajjeb jinghad li l-ligi taghti ghazla lil kull min jiftah kawza kif ifassal l-azzjoni mressqa minnu u hija fuq din l-ghazla li jiddependi lezitu tal-istess azzjoni. Dan ifisser li jekk l-attur jaghzel li jressaq il-pretensjonijiet tieghu kontra parti fuq kawzali partikolari, l-eccezzjoni li titressaq bhala parti mid-difiza kontra l-azzjoni maghmula kontriha, trid titkejjel fuq dik il-kawzali u mhux fuq xi haga ohra. Kwindi dak li jrid jigi mistharreg f'din il-kawza*

propju għalhekk li ġudikant għandu jara l-ewwel jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni jkunx jgħodd għal-azzjoni mressqa qabel ma jistħarreġ il-provi dwar jekk it-terminu jkun għadda jew b'xi mod ieħor sospiż jew rinunzjat[30].

Illi indubbjament, l-eċċezzjoni utilizzata hija tajba (sa fejn din tattakka l-azzjoni rimanenti tar-rikorrenti) u għalhekk għandha tiġi mistħarrġa. Per kompletezza mbagħad, jingħad li għal dan il-Bord, bix-xhieda tal-intimat, ġie sodisfatt il-vot tal-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta[31].

Illi mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti kienu nterpellaw lill-intimati permezz t'ittra uffiċjali[32] li ġiet notifikata lilhom fit-13 ta' Novembru 2017, fejn intalbu jħallsu l-arretrati sa mis-sena 2010. Huwa b'hekk ċar li l-ammont li l-intimati jistgħu jiġu kkundannati jħallsu huwa biss dak minn ħames snin qabel din in-notifika

*huwa jekk in-nuqqas li dwaru l-atturi jilmentaw fil-konfront tal-konvenuti appellati huwiex wieħed marbut mal-kuntratt, kif isostnu l-appellanti jew mod ieħor."*

30 F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Phyllis Farrugia vs Attard Services Limited,** (Rik App Nru: 634/2012/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fejn ingħad hekk: *"Il-Qorti għalhekk trid li l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun ġie eċċepit ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi."*

31 Tajjeb jiġi mfakkar li permezz tal-Att I tas-sena 2017 (u verament ftit wara, permezz tal-Att VII tal-istess sena) saru bidliet importanti, anzi radikali, fl-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta tant li wieħed jista' jgħid li l-istitut tal-ġurament deċiżorju inqaleb taħt fuq. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Limited *pro et noe* vs Topcar Limited**, (Rik Nru: 93/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta' Jannar 2018 (mhux appellata) li fiha ingħad hekk: *"Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament [...] tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jaghżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deċiżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah."*

32 Rilevanti għalhekk hawn huwa l-artikolu 2128 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

l'hemm[33], għaliex naturalment biex jista' jinkiser iż-żmien tal-preskrizzjoni, l-att ġudizzjarju jrid jintbagħat (u jiġi notifikat, salv għal dak li jippermetti l-artikolu 2131 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ż-żmien tal-preskrizzjoni ma jkunx għadu għalaq[34].

Illi b'hekk jiġi li din l-eċċezzjoni hija parzjalment tajba u b'hekk sejra tintlaqa limitatament kif spjegat. Għalhekk fadal biss li jiġi nvestigat l-mertu.

## Mertu

Illi mill-bqija, u ċioé l-mertu rimanenti tal-azzjoni dan il-Bord ftit għandu xi jgħid. L-intimati jiddefendu ruħhom bl-eċċezzjoni tal-pagament. Issa, fl-atti hemm biss ix-xhieda uħud mill-kontendenti u xejn aktar[35]. Għalkemm huwa

---

[33] Tajjeb jingħad li l-azzjoni infetħet fi Frar 2018 u trid ammont ta' kera sa Novembru 2017.

[34] Issir referenza, fost diversi, għal dak mtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Deguara vs Marco Deguara *et*,** (App Ċiv Nru: 1034/2018/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-29 ta' Marzu 2023.

[35] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Fenech vs Emanuel Calleja *et* ,** (App Ċiv Nru: 250/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-29 ta' Marzu 2023 ġie raġunat hekk: *"Il-provi relativi għall-ħlas huma biss ix-xiehda tal-partijiet: il-konvenuti jgħidu illi l-ħlas sar u l-attur jiċħad. F'ċirkostanzi fejn ma jkun hemm ebda indikazzjoni oġġettiva li tista' twasslek biex temmen parti aktar milli oħra, l-eżitu jiddependi fuq l-oneru tal-prova, u għalhekk imur kontra l-konvenuti."* Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Lombard Bank Malta plc vs H. Vassallo & Sons Ltd. *et***, (App Ċiv Nru: 172/2004) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-29 ta' Frar 2008, fejn ċaħdet l-appell wara li l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet irriteniet hekk: *"Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi 'la prova del pagamento e a peso del convenuto che lo allega', kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1985 fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolt favur lattur (Vol XXXV.iii.604)."* Per kompletezza, il-Bord jagħmel referenza wkoll għal dak raġundat fis-sentenza fl-ismijiet **Johann Schembri *pro et noe* vs Charlot Mifsud *pro et noe et*,** (App Ċiv Nru: 274/2003/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Ottubru 2005.

minnu li l-irċevuti tal-kera m'humiex indispensabbli għar-riżoluzzjoni ta' proċeduri bħal dawn, irid jingħad li din l-interpretazzjoni trid tiġi analizzata meta jkun hemm provi oħra oġġettivi[36] li jqanqlu verament dubju dwar jekk il-kreditu ma ġiex estint jew le. Dan il-Bord iqis li f'dan il-każ, il-pagament ma ġiex sodisfaċentement ippruvat bil-verżjoni unika tal-intimat Albert Degiorgio.

Illi ma kien hemm assolutament xejn li jwaqqaf l-intimati milli jagħmlu talba speċifika għas-subizzjoni tar-rikorrenti sabiex, jekk verament kif jgħidu huma jeżistu dawn l-irċevuti, dawn jiġu eżebiti mir-rikorrenti stess[37]. Ċertament l-intimati ma jistgħux jkunu aggravati bil-fatt li, fin-nuqqas ta' xi prova oħra, joqgħod biss fuq il-kelma ta' wieħed minnhom.

Illi lanqas ma jista' jingħad li bl-aċċettazzjoni taċ-ċwievet, ifisser lir-rikorrenti aċċettaw ukoll li ma kien għad fadal l-ebda ħlas xi jsir, ġaladarba l-kawża tkompliet solament fuq dan l-aspett.

Illi jiġi b'hekk li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti għall-ammont mhux preskritt u ċioé dak bejn Novembru tas-sena 2012 u Novembru tas-sena 2017. Għalhekk l-ammont dovut huwa ta' tmint elef u erba' mitt Ewro (€8,400)[38].

---

[36] F'dan is-sens, fost diversi, isir riljev għal dak enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Rita Pirotta vs Simon Carbonaro *et,*** (App Ċiv Nru: 373/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Novembru 2004 u ċioé li *"Issa hu veru, u l-Qorti dan tirrikonoxxieh, illi ghall-finijiet tal-prova tal-pagament tal-kera mhix indispensabbli l-produzzjoni tar-ricevuti; u fil-fatt hi gurisprudenza konkordi li l-hlas jista' jigi provat bi kwalunkwe mod purke` dan jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mir-rizultanzi processwali (Kollez. Vol. XXXV P III p 604). F' dan il-kaz pero`, in mankanza ta' skrittura manifestanti l-kirja, certament dawk ir-ricevuti kienu jaghmlu prova kjavi ta' meta dahal fis-sehh il-vinkolu kontrattwali bejn il-partijiet".*

[37] Issir referenza għall-hekk imsejjħa *actio ad exhibendum* kif kodifikata flartikoli 637 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Rilevanti hawn huwa dak li jgħidu partikolarment l-artikolu 641, 642 u 643 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[38] Il-kera kienet ta'tlett mija u ħamsin Ewro (€350) kull tlett xhur, u għalhekk elf u erba' mitt Ewro (€1,400) kull sena. B'hekk għas-sitt snin koperti l-ammont huwa dak ta' tmint elef u erba' mitt Ewro (€8,400).

Wara kollox, eċċezzjoni, bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni fin-nuqqas tal-prova[39].

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddeċiedi din il-vertenza billi filwaqt li jilqa' parzjalment l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-intimati, jiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati, jilqa' limitatament t-talba rimanenti tar-rikorrenti u b'hekk jikkundanna lill-intimati *in solidum* sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' tmint elef u erba' mitt Ewro (€8,400) bl-imgħax legali mill-15 ta' Frar 2018[40] sad-data tal-pagament effettiv.

---

[39] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."* Issir referenza wkoll għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Crystal Clean Ltd vs Apparea Ltd,** (App Inferjuri Nru: 124/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Settembru 2022 fejn, qalet hekk: *"It-Tribunal irrileva li l-oneru tal-prova hawn kien fuq is-soċjetà appellanta u eċċezzjoni bħal fil-każ ta' talba, tibqa' biss allegazzjoni mingħajr il-prova. Dan iktar u iktar fil-każ odjern fejn is-soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li x-xogħol magħmul ma kien ta' ebda utilità għaliha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiskarta dawn il-konsiderazzjonijiet, u tgħid li tikkondividi pjenament il-konklużjoni tat-Tribunal".* B'żieda dottrinali mbagħad, issir referenza għal dak li jgħid il-ġurist **Francesco Ricci** u ċioé li *"Il principio pertanto regolatore dell'onere di provare deve cosi formolarsi: Chiunque pone a base della sua domanda o eccezione la affermazione, ovvero la nageazione di un fatto, é tenuto a somministrare la prova dell'esistenza o inesistenza del fatto; imperocché, senza questa dimostrazione, la domanda o l'eccezione non risulta fondata, ed il giudice non puo accogliere domande od eccezione infondate".* – Delle Prove, Trattati Speciali di Diritto Civile, Unione Tiprografico-Editrice, 1891, para 30, a fol 47.

[40] Data tal-preżentata tal-azzjoni odjerna. Huwa minnu li l-ammont oriġinarjament pretiż ġie ridott bi ftit iżda m'għandux ifisser li l-imgħax għandu jiddekkorri mid-data ta' din is-sentenza. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Analise Zerafa vs Marcel Psaila**, (App Ċiv Nru: 106/2018) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Jannar 2022 fejn ġie ribadit hekk: *"Din il-Qorti tagħmel riferiment għal xi deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati li waslu għal konklużjoni diametrikament opposta għal dik li qiegħed jipprova jasal għaliha l-appellant. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Saviour Ellul noe vs. AIC Joseph Ellul Vincenti noe, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata) fil-21 ta' Jannar, 2005, li għamlet riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet Mario Sacco vs. Peter Muscat Scerri, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2003, fejn il-Qorti essenzjalment qalet li huwa aċċettat li meta l-ammont pretiż ikun indikat f'ċitazzjoni jew f'rikors, huwa permissibbli li fuq dak l-ammont,*

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali bin-numru 4258/2017, iżda mhux dawk tal-ittri interpellatorji tat-30 ta' Mejju 2017 u tat-2 ta' Marzu 2017[41] jitħallsu fl-intier tagħhom mill-intimati[42].

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

---

*jew fuq ammont inferjuri għal dak mitlub, il-Qorti tordna li għandu jiddekorri l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-att taċ-ċitazzjoni. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Mercieca vs. Nobbli S. Testaferrata Moroni Viani et, tas-16 ta' Diċembru, 1991 (Vol. LXXV P.2 pg. 643), il-Qorti tal-Appell Kummerċjali qalet: "Jekk l-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex iħallas ammont preċiż u determinat, il-pretiża tal-attur hija għall-ammont ċert u likwidu u l-kontestazzjoni u ċ-ċaħdiet talkonvenut huma fattur irrilevanti għad-determinazzjoni ta' ċertezza u l-likwidità talpretiża tal-attur. U daqstant ieħor huma irrilevanti n-nomina ta' perit fil-kawża u lkundanna fis-sentenza għall-ammont anqas minn dak pretiż mill-kreditur attur. Fuq ammont ċert u likwidu li l-kreditur attur avvanza fiċ-ċitazzjoni tiegħu u għal dik il-parti minnu li ġiet sanzjonata mis-sentenza jiddekorru interessi u billi l-obbligazzjoni kienet ta' natura kummerċjali dawn huma regolati bl-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16." **Il-Qorti tirrileva li l-azzjoni hija determinata mit-talba fir-rikors promutur, u l-fatt li l-Ewwel Qorti llikwidat ammont li huwa inqas minn dak pretiż minn min ippropona l-kawża, ma jfissirx li fuq l-ammont ridott akkordat mill-Ewwel Qorti m'għandux jitħallas imgħax skont il-liġi.** Għaldaqstant tqis illi dan it-tieni aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu. **(enfasi tal-Bord).*** Fuq l-istess vena, il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ronald Carbonaro et vs Carmel Muscat et,** (Rik Nru: 356/14) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 ta' Novembru 2021 fejn ġie deċiż hekk: *"Il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm is-somma li qed tiġi likwidata mill-Qorti u aġġudikata favur l-atturi, hija inqas mis-somma oriġinarjament reklamata, l-imgħax xorta waħda għandu jitqies li jibda jgħaddi mid-data tal-imsemmija sejħa ġudizzjarja ġaladarba s-somma kienet ġiet effettivament kwantifikata u l-konvenuti jitqiesu għalhekk, li kienu minn dakinhar morużi fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni tal-ħlas. Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha Fogg Insurance Agencies Limited noe et v. Paul Tabone "Fuq l-aggravju ta' l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta' l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O'Connor – vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta."* Finalment u sempliċiment per kompletezza akkademika dwar dan issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Pisani et vs David Mamo et,** (Rik Nru: 2402/2000) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Settembru 2020 fejn, propju fuq aggravju dwar dan il-kweżit intqal hekk: "*L-imgħax fil-fatt għandu jiddekorri mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u* ***mhux mid-data tas-sentenza stante li t-talba kienet għal somma speċifika****, mhux da liquidarsi,* ***anke jekk tali somma qegħda tiġi ridotta,*** *u dan in linea mal-ġurisprudenza nostrana."* ***(enfasi tal-Bord).***

[41] Ma nġabet l-ebda prova tal-ħlas ta' dawn l-ittri u kemm qegħdin jitolbu r-rikorenti tal-istess.

[42] Huwa minnu li l-Bord laqa' parzjalment l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni iżda għal dan il-Bord huwa xorta ċar li li l-intimati ħarġu telliefa f'dan il-litiġju.

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur